# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

**S.T.O. PRIM IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 31 ta' Jannar, 2019**

**Numru 35**

**Citazzjoni numru 2022/00 LSO**

**George u Gemma konjugi Vella**

**v.**

**Sammut Concrete Supplies Limited C9611**

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa appell imressaq mill-kumpannija intimata minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża fl-ismijiet fuq imsemmija fid-19 ta' Novembru, 2013, li biha u għar-raġunijiet hemm imsemmija, filwaqt li ċaħdet l-eċċezzjonijiet tal-istess kumpannija appellanti, laqgħet it-talbiet tal-atturi appellati billi ordnat lill-kumpannija appellanti biex, fi żmien xahar minn dakinhar tas-sentenza, tikkonsenja

b'kemm jiswew ħdax-il elf sitt mija u sitta u erbgħin euro u sitta u tmenin ċenteżmi (€ 11,646.86) f'materjal tal-bini kif imfisser fil-kitba privata tat-13 ta' Marzu, 2000, magħmula bejn il-partijiet; laqgħet it-tieni talba billi, f'każ li l-kumpannija appellanti tonqos li tikkonsenja l-imsemmi materjal fiż-żmien lilha mogħti, tħallas lill-atturi appellati l-imsemmija somma ta' ħdax-il elf sitt mija u sitta u erbgħin euro u sitta u tmenin ċenteżmi (€ 11,646.86) fi flus u dan bl-imgħaxijiet legali bir-rata kummerċjali tat-tmienja fil-mija (8%) fuq dik is-somma li jgħaddu b'seħħ minn xahar mid-data tas-sentenza; u laqgħet it-tielet talba attriċi billi ikkundannat lill-istess kumpannija appellanti tħallas lill-atturi s-somma ta' erbgħa u tletin elf disa' mija u erbgħin euro u sittin ċenteżmi (€ 34,940.60) bħala bilanċ tal-prezz miftiehem li ma kienx għadu tħallas u dan bl-imħgaxijiet legali bir-rata kummerċjali tat-tmienja fil-mija (8%) fuq dik is-somma b'seħħ mid-data tal-maturazzjoni ta' kull ħlas sal-jum tal-ħlas effettiv;

2. L-ewwel Qorti waslet għad-deċiżjoni msemmija billi ikkunsidrat kif ġej:

> *"Illi permezz ta' din il-kawza l-atturi qed jitolbu l-hlas ta' ammont ta' Lm20,000 rapprezentanti in kwantu ghall-ammont ta' Lm15,000, bilanc dovut fuq prezz ta' xiri ta' Concrete Batching Plant, u kwantu ghall-ammont ta' Lm5,000, rapprezentanti materjal ta' bini li kellu jittiehed minghand l-istess socjeta' konvenuta, u dan kollu kif jirrizulta minn skrittura ta' bejgh tat-13 ta' Marzu 2000.*
> *"Il-konvenuti eccipew li l-Batching Plant mertu tat-talbiet attrici ma tappartjenix lill-atturi imma lis-socjeta "**Hallett Construction Limited"** u li, inoltre, l-iskrittura ta' bejgh hija nulla u bla effett ai termini tal-artikolu **1372 tal-Kap. 16** tal-Ligijiet ta' Malta. Qed jghidu wkoll li l-*

*ftehim imsemmi gie rexxiss b'operazzjoni u effett ta' kondizzjonijiet rizoluttivi espressi.*

*"Il-fatti li johorgu minn din il-kawza juru li b'skrittura tat-13 ta' Marzu 2000 (**DOK.A)** l-atturi bieghu lis-socjeta' konvenuta impjant ta' concrete batching sitwat f'barriera fl-Imqabba, limiti ta' Xatba l-Hamra ghall-prezz komplessiv ta' Lm35,000. Lm5,000 thallsu mal-kuntratt filwaqt li Lm5,000 tnaqqsu mill-kont pendenti li kellha s-socjeta' Hallett Construction Limited mas-socjeta` konvenuta. Kien fadal bilanc ta' Lm20,000 dovut rapprezentanti Lm5,000 f' materjal ta' bini u Lm15,000 fi skadenzi li immaturaw ta' Lm5,000 fix-xahar.*

*"**<u>Provi Prodotti</u>***

*"Xehed l-attur **George Vella**[1] u kkonferma li bl-iskrittura annessa bhala **Dok. A.** mac-citazzjoni, tat-13 ta' Marzu 2000, is-socjeta` intimata xtrat minghandu Concrete Batching Plant ghall-prezz ta' Lm35,000 u kien fadal bilanc ta' Lm15,000 fuq il-prezz, li kellu jithallas fi skadenzi ta' Lm5,000-il wiehed, li kollha mmaturaw. L-ammont rimanenti ta' Lm5,000 kien jirraprezenta materjal tal-bini li kellu jittiehed minghand is-socjeta' konvenuta.*

*"Is-socjeta' konvenuta kienet tatu hames cekkijiet ta' Lm5000-il wiehed **(DOK.GV1)**[2] izda ssarfulu biss l-ewwel tnejn ghal Lm10,000 filwaqt li t-tliet cekkijiet rimanenti ma gewx onorati.*

*"Hu kien ukoll talab il-konsenja tal-materjal ta' bini skont il-ftehim izda s-socjeta' konvenuta baqghet inadempjenti.*

*"Qal ukoll li s-socjeta' konvenuta kienet hadet il-batching plant minn fejn kienet u ghadha fil-pussess u ghall-uzu taghha.*

*"Hu kkonferma li kien is-sid tal-batching plant u li kien informa lis-socjeta` Power mix Limited bl-intenzjoni li kellu jbiegh skont skrittura ohra tat-12 ta' Novembru 1999.*

*"**In-Kontro-Ezami** xehed li l-batching plant kien tieghu u kien krieh lil Hallett Construction Ltd bi ftehim bil-fomm. Mistoqsi ghaliex Mario Hallett kien deher fuq l-iskrittura ta' Marzu 2000 jekk ma kellu xejn mill-impjant, wiegeb li deher ghaliex inhafer parti mid-dejn li Mario Hallett kellu mal-kumpanija konvenuta. Qal izda:*

> *"Jien nikkonferma li l-ftehim dwar il-bejgh tal-batching plant mal-kumpanija konvenuta ghamlu Mario Hallett u lili kien sejjahli fuq*

---

[1] Affidavit a fol. 30-31 tal-process.

[2] Hames cekkijiet esebiti a fol.32-33, enumerati rispettivament 1582,1583,1584,1585 u 1586, fl-ammont ta' Lm5000-il wiehed datati it-13/3/2000, 13/4/2000, 13/5/2000,13/6/2000, u 13/7/2000 mahrugin fuq Sammut Concrete Supplies Limited, pagabbli lil George Vella.

*l-iskrittura biex inkun nista' naccetta ladarba l-proprjetarju tal-plant."*

*"Xehed* ***Mario Hallett***[3]*, Direttur tas-socjetajiet Hallett Construction Ltd. u Power Mix Ltd. u qal li l-batching plant mertu ta' din il-kawza kien gie mportat minn Power Mix Limited izda l-attur George Vella kien hallas ghalih.*

*"Esebixxa kopja ta' skrittura* ***(DOK MH1)***[4]*, skont liema jirrizulta li l-attur huwa s-sid tal-batching plant. Is-socjeta' Power Mix Ltd. kellha tigi nfurmata b'semplici ittra tal-intenzjoni tal-attur li jbiegh, ghaliex kellha d-dritt li tixtri l-plant fi zmien gimgha minn dan it-taghrif. Il-Batching Plant kien tqieghed f'post li kien ta' proprjeta' tas-socjeta` Hallett Construction Limited versu hlas ta' Lm500 fis-sena, imma skont il-ftehim tas-sena 1999, dan l-impjant baqa' jappartjeni esklussivament lill-attur. Hu kkonferma li ma kien hemm ebda hlas dovut lil Hallett Construction Limited.*

*"Qal li kien prezenti waqt l-iffirmar tal-iskrittura bejn il-kontendenti u kollox kien normali. Kien iffirma l-ftehim izda mhux bhala parti. Skont l-iskrittura* ***DOK.A*** *l-attur kien, bona volonta tieghu, naqqas mill-prezz dovut mis-socjeta' konvenuta l-ammont ta' Lm5000 "mill-kont pendenti li hemm dovut lill-socjeta` Sammut Concrete Supplies Ltd mis-socjeta` Hallett Construction Limited."*

*"Mix-xhieda ta'* ***Paul Gambina*** *in rapprezentanza tal-Bank of Valletta plc*[5] *jirrizulta li c-cekk numru 1582 ma giex inkassat u fir-rigward tac-cekkijiet rimanenti hareg 'stop payment' fuq talba ta' Gaetano Sammut (****Dok.PG1***[6]*.) Skont ix-xhud, "It-talba ghaz-zamma tal-imsemmija cekks saret il-ghaliex kienu mitlufa".*

*"L-atturi esibew ukoll ittra (a fol. 51) mahruga mill-HSBC Bank Malta plc datata l-4 ta' Ottubru 1999 li tghid li l-ammont ta' ITL79,200,000 imhallsa ghax-xiri ta' batching plant mill-Powermix Limited thallas minn kont bankarju intestat lill-atturi.*[7]

*"Xehed* ***Gaetano Sammut*** *u qal li l-batching plant mixtri minnu skont l-iskrittura* ***Dok.A*** *qieghda fl-impjant tieghu izda ma kienx qed ihaddmu. Ikkonferma li hareg ic-cekkijiet murija f'****Dok.GV1*** *u* ***GV2****.*

*"Irrefera ghall-kawza ohra li kien istitwixxa hu stess kontra Hallett Construction Co Ltd fejn gie deciz li l-batching plant izommu hu. Hu kien ottjena l-hrug ta' mandat fuq l-impjant fil-qafas ta' dawn il-*

[3] Affidavit a fol.34-35 tal-process
[4] Esebita a fol.36 tal-process
[5] Xhieda fis-seduta tal-10 ta' April 2003 a fol. 43 et.seq. tal-process.
[6] Esebit a fol.36 tal-process minn fejn jirrizulta li t-talba saret fl-4 ta' April 2000.
[7] Xhieda a fol. 56 et.seq.tal-process.

*proceduri. Kien wara li nhareg il-mandat li ha l-impjant tal-batching plant f'idejh mill-proprjeta' ta' Hallett Construction Ltd.*

*“Hu qal li Mario Hallett kien prezenti meta saret l-iskrittura tat-13 ta' Marzu 2000 u "kien irrizultali wara li l-batching plant ma kinetx tappartjeni lil Mario Hallett imma lill-attur George Vella." Ma rcieva ebda mandat minghand haddiehor dwar il-batching plant.*

*“Hu xehed li skont is-sentenza mahruga mill-Qorti, fil-kawza "**Sammut Concrete Supplies Limited -v- Hallett Construction Limited** "(Cit.167/00GV) deciza fl-14 ta' Frar 2001*[8] *l-impjant huwa tieghu u ghalhekk ta l-istruzzjonijiet lill-Bank ghall-istop payment. Qal ukoll li l-kawza kien fetahha x'aktarx wara l-kitba tat-13 ta' Marzu 2000 u qabel ma nfethet din il-kawza.*

*“**<u>Apprezzament tal-Fatti u konsiderazzjonijiet ta' Dritt.</u>***

*“Qabel ma tghaddi ghall-konsiderazzjonijiet tal-eccezzjonijiet issollevati mis-socjeta' konvenuta tajjeb li jigi affermat li l-partijiet jaqblu li l-ammont ta' Lm15,000 mitlub fic-citazzjoni ma thallasx u l-materjal mitlub ma giex ikkonsenjat. Dan jirrizulta mhux biss mix-xhieda mhux kontradetta tal-attur George Vella, imma wkoll mix-xhieda ta' Paul Gambina ghan-nom tal-Bank of Valletta plc li kkonferma l-istop payment fuq ic-cekkijiet li kienu gew mghoddija mal-iskrittura.*

*“Lanqas m’hu kontradett li l-impjant mertu ta' din il-kawza jinsab fil-pussess tal-konvenut.*

*“Illi ma hemm l-ebda dubju li din il-kawza titratta dwar l-applikazzjoni ta’ skrittura bejn il-firmatarji ta’ l-istess u dwar l-interpretazzjoni ta’ l-istess u f’dan il-kuntest din il-Qorti tirreferi ghall-principji li jirregolaw l-istess b’referenza ghal dak li nghad fis-sentenza **“Anton Spiteri vs Alfred Borg”** (P.A. ( RCP) - 30 ta’ Novembru 2000) “ghalhekk hawn japplika l-principju stabbilit fl-**artikolu 1002 tal-Kap 16**, fejn meta l-kliem ta’ konvenzjoni mehud fis-sens skond l-uzu tal-kuntratt, hu car, ma hemmx lok ta’ interpretazzjoni, ghaliex tali interpretazzjoni, anke supplita minn xhieda, tista’ tinghata biss sabiex telucida l-iskrittura jew il-kuntratt f’xi patt incidentali jew accessorju taghha” (**“Carmela Borg vs Bartolomeo Xuereb” -** A. C. 30 ta’ Marzu 1997).*

*“Ukoll hu principju pacifiku li l-kuntratti ghandhom jigu esegwiti ('pacta sunt servanda') in 'bona fede'. Dan hu l-pern tar-relazzjonijiet kummercjali: - “Hija regola fondamentali tal-ligi li l-kuntratti ghandhom jigu esegwiti in 'bona fede' u li jobbligaw mhux biss dak li jinghad fihom, izda wkoll ghall-konsegwenzi kollha li ggib maghha tali*

[8] Kopja tas-sentenza esebita a fol. 69-70 tal-process.

*obbligazzjoni". ("**<u>Joseph Francis Depares nomine vs John O'Dea nomine</u>**" - Appell 25.06.1996).*

*"**Eccezzjonijiet sollevati:-***

*"1) Il-Batching Plant m'huwiex proprjeta' tal-atturi izda jappartjeni esklussivament lis-socjeta' Hallett Construction Limited.*

*"Il-Qorti tqis li l-atturi ppruvaw sal-grad rikjest mil-Ligi li l-impjant mertu ta' din il-kawza kien jappartjeni lilhom u kien gie validament mibjugh lis-socjeta' konvenuta b'skrittura tal-bejgh tat-13 ta' Marzu 2000.*

*"Jirrizulta mill-iskrittura msemmija, li George Vella flimkien ma' martu dehru bhala vendituri fuq l-istess. Gaetano Sammut iffirma din l-iskrittura bhala l-kumpratur u, fix-xhieda tieghu ammetta wkoll li "kien irrizultali wara li l-batching plant ma kinetx tappartjeni lil Mario Hallett imma lill-attur George Vella." Dan hu kkonfermat minn Mario Hallett li esebixxa skrittura datata t-12 ta' Novembru 1999 bejn George Vella u Power Mix Ltd fejn hemm dikjarat li l-impjant kien gie finanzjat interament minn George Vella u li "until these amounts are paid (il-prezz tax-xiri ITL79,200,000) the concrete mix plant remains the sole property of Mr. Vella."*

*"In sostenn tal-kaz tieghu l-attur esebixxa wkoll ittra mill-HSBC Bank Malta plc b'turija li l-ammont ta' xiri fuq imsemmi kien inhareg minn kont personali tieghu u ta' martu.*

*"Jirrizulta mix-xhieda ta' Gaetano Sammut li hu qed jibbaza l-eccezzjoni tieghu fuq sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet "Sammut Concrete Supplies Limited v Mario Hallet pro u f'isem Hallett Construction Limited." Hu qal li istitwixxa din il-kawza x'aktarx wara l-iskrittura (ta' xiri) ta' Marzu 2000 izda qabel ma giet istitwita l-kawza odjerna.*

*"**Ikkonsidrat** li bl-imsemmija sentenza s-socjeta' konvenuta giet kanonizzata bhala kreditur kontra Hallett Construction Limited u ghalhekk kellha d-dritt li tesegwixxi l-kreditu kontra l-beni ta' Hallett Construction Limited. Madanakollu minn imkien ma jirrizulta li l-concrete batching plant qatt kienet ta' proprjeta' ta' Hallett Construction Limited u l-pretensjoni tal-konvenut nomine li dan l-impjant sar tieghu b'effett ta' dik is-sentenza hija guridikament insostenibbli.*

*"Mill-provi jirrizulta biss li l-impjant kien sitwat fil-proprjeta' ta' Hallett Construction Limited u xejn iktar, li dan gie impurtat minn Power Mix Limited u li x-xiri kien iffinanzjat mill-atturi, b'dan li baqa' jappartjeni esklussivament lilu diment li Power Mix Limited ma raddittlux il-prezz li kien hareg. Prova li dan il-hlas sar ma tressqitx quddiem din il-Qorti u*

*ghalhekk l-impjant jitqies li kien ta' proprjeta' esklussiva tal-atturi meta nbiegh validament lis-socjeta' konvenuta bl-iskrittura* ***Dok.A***.

*"Ghal dawn il-motivi din l-eccezzjoni qed tigi michuda.*

*"ii) Nullita` tal-Bejgh a tenur tal-artikolu 1372 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*"L-artikolu ccitat jghid hekk: "Bla ħsara tad-dispozizzjonijiet tal-artikolu 559, u tad-dispozizzjonijiet dwar il-Monti kwantu għar-rahan, il-bejgħ ta' ħaġa ta' ħaddieħor hu null: Iżda dan il-bejgħ jista' jagħti lok għall-ħlas tad-danni, jekk ix-xerrej ma kienx jaf illi l-ħaġa kienet ta' ħaddieħor: Iżda wkoll, in-nullità ta' dan il-bejgħ ma tista' qatt tiġi opposta mill-bejjiegħ."*

*"Ghall-istess ragunijiet gja spjegati, ma jirrizultax li l-atturi bieghu hwejjeg haddiehor meta bieghu l-impjant lis-socjeta' konvenuta u ghalhekk dan l-artikolu m'huwiex applikabbli u l-eccezzjoni qed tigi respinta.*

*"iii) L-iskrittura tat-13 ta' Marzu 2000 m'ghadhiex aktar valida stante li sehhew numru ta' kondizzjonijiet rizoluttivi espressi fl-iskrittura.*

*"Jinghad mill-bidu li fil-kaz ta' kundizzjoni rizoluttiva espressa, il-Qorti ma taghtix zmien lill-parti inadempjenti biex tispurga n-nuqqas taghha u l-kuntratt jinhall ipso jure. (****A.C. "Francis Abela v Karl Bonello"*** *- dec. 31 ta' Mejju 2002); "****Giuseppe Agius -v- Maria Calleja noe" -*** *A.C. dec fis-26 ta' Frar 1937).*

*"Minn ezami tal-iskrittura (****Dok.A)*** *jirrizultaw is-segwenti klawsoli:*

*"2) "F'kaz li minhabba problemi li jistghu jokkorrew sakemm jinqala' l-impjant mill-post fejn qieghed ghall-post fejn sejjer jitwahhal, u f'kaz li jkun hemm xi mandat fuq l-impjant mahrug fuqu b'segwitu kontra l-istess komparenti George Vella jew l-istess socjeta' Hallett Construction Ltd., allura f'dan il-kaz il-ftehim jigi xjolt immedjatament u l-ebda hlas ma jghaddi minn parti ghall-ohra u jekk ikun sar hekk dan il-hlas ghandu jghaddi lura lill-komparenti. Gejtu Sammut nomine fi zmien gimgha, u din l-iskrittura ma' tibqax aktar valida;*

*"4) Li f'kaz li jkun hemm xi problema dwar il-hlas ta' dawn ic-cekkijiet dan il-kuntratt jigi xolt.*

*"Huwa evidenti li dawn huma patti rizoluttivi espressi bejn il-kontraenti li ghandhom bhala konsegwenza d-dekadenza bl-applikazzjoni tal-principji stabbiliti fl-Artikolu 1066 u 1067 tal-Kodici Civili.*

*"Fil-kaz odjern, il-konvenut nomine ma spjegax ghaliex qed jinvoka din l-eccezzjoni u din il-Qorti tista' biss tiddeduci li qed jirreferi ghat-tieni*

> *klawsola fuq citata peress li r-raba' klawzola hija mistennija li tigi nvokata mill-venditur jekk jirriskontra problemi fil-hlas.*
>
> *"Fil-kuntest odjern, it-tifsira li ghandha tinghata lill-patt miftiehem fit-tieni (2) klawsola hija li jekk il-konvenut nomine kien jirriskontra problemi biex jiehu l-konsenja u jnehhi l-impjant minn fejn kien, minhabba mandati fuq George Vella jew fuq Hallett Construction Limited (fejn kien stallat l-impjant) seta' jinvoka favur tieghu r-rizoluzzjoni tal-ftehim.*
>
> *"Izda jirrizulta manifest u mhux kontradett li l-uniku mandat li kien inhareg kien proprju mill-konvenut nomine stess kontra Hallet Construction Ltd. L-impjant ma giex milqut b'ebda talba, pretensjoni jew mandat iehor da parti ta' terzi.*
>
> *"Difatti l-istess konvenut nomine spicca biex ha l-impjant fil-pussess tieghu u ghazel hu li ma jhaddmux. Hu ovvju li din il-klawzola ma tapplikax ghall-tfixxkil mahluq mix-xerrej stess imma ghal tfixkil li jista' jinholoq ghax-xerrej minn pretensjonijiet ta' terzi.*
>
> *"Fic-cirkostanzi l-Qorti tqies li l-konvenut nomine ma gabx ragunijiet u provi bizzejjed biex jissustanza anke din l-eccezzjoni tieghu li, ghaldaqstant qed tigi michuda.*";

3. Fir-Rikors tal-Appell imressaq minnha fil-5 ta' Diċembru, 2013, il-kumpannija appellanti tressaq tliet aggravji biex fuq is-saħħa tagħhom titlob lil din il-Qorti tħassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata. Hija tibda biex tgħid li l-ewwel Qorti ma għamlitx sewwa li qagħdet fuq xhieda b'affidavit ta' persuna li ma sarilhiex il-kontro-eżami għaliex ma setgħetx tinstab. Fit-tieni aggravju, hija tgħid li "dan l-appell qed isir u huwa bbażat biss fuq l-ewwel eċċezzjoni mogħtija" u jisħaq li l-ewwel Qorti messha sabet li l-oġġett tal-bejgħ mertu tal-kawża ma kienx tal-atturi meta biegħuh lilha bil-kitba msemmija. Fit-tielet aggravju, il-kumpannija appellanti tilminta mill-fatt li l-ewwel Qorti ikkundannatha

tħallas l-imgħaxijiet mid-data mitluba fit-talbiet, meta d-dewmien fil-ħlas ma taħtix għalih hi;

4. Fit-Tweġiba mressqa minnhom fis-27 ta' Diċembru, 2013, l-atturi appellati saħqu li l-appell ma jmissux jintlaqa' għaliex is-sentenza appellata hija ġusta u ekwa u timmerita konferma fl-intier tagħha u m'hemm ebda lok li tiġi disturbata la fattwalment u lanqas legalment;

5. Rat id-dikjarazzjoni magħmula mill-avukati tal-partijiet waqt is-smigħ tas-16 ta' Ottubru, 2018, li biha qalu li ma kellhomx x'iżidu mal-atti mressqa u li l-appell seta' jitħalla għas-sentenza;

6. Rat l-atti kollha tal-kawża;

7. Rat li fis-16 ta' Ottubru, 2018, il-kawża tħalliet għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

8. Illi l-azzjoni attriċi kienet waħda għall-ħlas ta' bilanċ ta' prezz ta' bejgħ ta' "*batching plant*" tal-konkos mill-atturi appellati lill-kumpannija appellanti. Il-prezz kien miftiehem f'parti fi ħlas b'materjal tal-bini

magħżul mill-bejjiegħa mingħand ix-xerrejja appellanti, f'parti minnu minn skont biex jinqata' kreditu dovut, u f'parti minnu bil-ħlasijiet f'rati kull xahar b'seħħ minn dakinhar tal-ftehim. Il-ftehim sar b'kitba privata fit-13 ta' Marzu, 2000. Wara li l-appellanti ħadet f'idejha l-impjant imsemmi, naqset li tħallas il-bilanċ tal-prezz miftiehem. Skond l-atturi appellati, mill-prezz miftiehem kien għad fadal x'jitħallsu l-parti tal-prezz konsistenti fil-materjal tal-bini u t-tlieta mill-erba' ħlasijiet ratejali li kellhom jitħallsu fi flus. Dwar dawn ir-rati ta' ħlas, l-appellanti kienet ħarġet u ikkonsenjat f'idejn l-attur appellat *cheques* tal-import ta' ħamest elef Lira Maltin kull wieħed, liema *cheques* l-istess appellanti kienet talbet lill-Bank tagħha li jżomm milli jissarrfu;

9. L-**ewwel aggravju** tal-kumpannija appellanti joħroġ mill-fatt li l-ewwel Qorti, fis-sentenza appellata, aċċettat bħala prova affidavit ta' persuna – Mario Hallett – li, għal raġuni jew oħra, baqa' ma sarilha qatt il-kontro-eżami, minkejja t-tentattivi kollha li l-appellanti ippruvat biex dan isir. L-appellanti tgħid li, b'dan il-mod hija ċċaħħdet mill-possibilità li toħroġ il-verità tax-xhieda hekk mogħtija b'kontro-eżami. Filwaqt li tgħid li l-ewwel Qorti ma għamlitx sewwa li aċċettat dik il-prova u saħansitra siltet minnu fil-kunsiderazzjonijiet li għamlet fis-sentenza appellata, talbet li din il-Qorti terġa' tagħmel apprezzament mill-ġdid tal-fatti kif joħorġu mill-atti tal-kawża bla ma tikkonsidra x-xhieda li ngħatat fl-imsemmi affidavit;

10. Għal dan l-aggravju l-atturi appellati laqgħu billi qalu li kienet isseħħ inġustizzja li kieku l-ewwel Qorti ma tatx każ tax-xhieda mressqa fl-imsemmi affidavit, li tressaq b'mod regolari u b'ħarsien tal-liġi. Iżidu jgħidu li kien biss bi ħtija tal-appellanti li l-kontro-eżami tax-xhud ma sarx, tant li huma kienu saħansitra taw lill-avukat tal-istess kumpannija appellanti indirizz fejn setgħet tħarrku. Kienet l-appellanti li, minkejja żmien biżżejjed li ngħatalha mill-ewwel Qorti, naqset li tassikura li x-xhud jinġab quddiem il-Qorti ħalli jsirlu l-kontro-eżami. Iwarrbu wkoll is-sottomissjoni li din il-Qorti terġa' tqis mill-ġdid il-provi tal-kawża bla ma tqis il-kontenut tal-affidavit, għaliex jgħidu li b'hekk tkun qiegħda tinjora dokument bħallikieku kien sfilzat mill-atti meta m'huwiex;

11. Il-Qorti jidhrilha li dan l-aggravju mhuwiex tajjeb. Fl-ewwel lok, l-imsemmi affidavit tressaq fl-atti tal-kawża b'mod regolari. Fit-tieni lok, l-atti tal-kawża juru li l-kumpannija appellanti ngħatat bosta opportunitajiet biex tħarrek lix-xhud ħalli jidher quddiem l-ewwel Qorti biex isirlu l-kontro-eżami, u l-ewwel Qorti tat żmien biżżejjed biex dan seta' jsir. Fit-tielet lok, il-kunsiderazzjonijiet li wasslu lill-ewwel Qorti biex taqta' l-kawża kif qatgħetha ma kinux marbutin biss max-xhieda fl-imsemmi affidavit iżda, fil-biċċa l-kbira minnhom, ma' xhieda u provi dokumentali oħra li mal-imsemmi affidavit ma kellhom xejn x'jaqsmu. Għall-

kuntrarju, partijiet rilevanti minn dawk il-provi jidhru li jikkorroboraw il-verżjoni tal-appellati u jxejnu l-eċċezzjonijiet fil-mertu tal-kumpannija appellanti. Fir-raba' lok, il-Qorti ma tifhimx kif l-appellanti qiegħda tħoss li l-każ tagħha ma kienx mogħti smigħ b'ekwità minħabba n-nuqqas ta' kontro-eżami tax-xhud Hallett, meta tul is-smigħ kollu tal-kawża ma ressqet l-ebda xhud min-naħa tagħha ħlief lill-attur, in kontro-eżami. Din il-Qorti rat sewwa x-xhieda u l-provi dokumentali li tressqu fl-atti tal-kawża u ssib li l-ewwel Qorti għamlet apprezzament xieraq tal-imsemmija provi u li l-fehmiet tagħha juru li raġonevolment setgħet tasal, kif fil-fatt waslet, għad-deċiżjoni tagħha fuq dawk il-provi kollha;

12. Għalhekk, il-Qorti mhijiex sejra tilqa' dan l-aggravju għaliex mhuwiex mistħoqq;

13. Dwar it-**tieni aggravju**, l-appellanti tgħid li "dan l-appell qed isir u huwa bbażat biss fuq l-ewwel eċċezzjoni mogħtija". Dik l-eċċezzjoni kienet tgħid li l-atturi appellati ma kinux is-sidien tal-impjant li biegħu lill-kumpannija appellanti. Tgħid li mill-kontro-eżami tal-attur ħareġ ċar ukoll li s-sid veru tal-impjant kienet il-kumpannija Hallett Construction Limited u mhux l-attur u martu, u li kollox tfassal biex jaħbi r-rejaltà bi pjan minsuġ ħalli l-ftehim milħuq juri ħaġa li ma kinitx tikkorrispondi mas-sewwa;

14. Għal dan l-aggravju, l-atturi appellati jirribattu li r-rejaltà ta' min kien is-sid tassew tal-impjant toħroġ mill-provi fl-atti, l-aktar dawk ta' natura dokumentali, liema provi juru bla ebda ekwivoku li l-attur u martu kienu xraw l-impjant mill-Italja u dan seħħ bi flus tagħhom. Iżidu jgħidu li l-kumpannija appellanti kienet taf sewwa x'qiegħda tikseb u min kien sid l-impjant u, minkejja li matul il-kawża qanqlet dubju dwar jekk huma kinux tassew is-sid, xorta waħda żammet għandha l-impjant u ma radditu qatt lura;

15. Il-Qorti jidhrilha li dan l-aggravju wkoll mhuwiex tajjeb. L-ewwel Qorti qieset sewwa l-ewwel eċċezzjoni mqajma mill-kumpannija appellanti u mill-ftit provi li kellha quddiemha, sabet provi ċari biżżejjed li juru l-provenjenza tal-fondi li bih l-impjant kien inxtara. Dawn il-provi, li jixhdu li n-nefqa saret minn assi tal-atturi miżmuma f'kont bankarju, huma qawwija u ċari biżżejjed u, fl-istess waqt, joħorġu minn għejjun terzi u imparzjali u jmorru lura għal żmien meta ma kienx għad hemm il-kwestjonijiet li nqalgħu mill-appellanti f'din il-kawża[9]. Madankollu, hija l-fehma ta' din il-Qorti li waħda mill-provi li l-aktar tmieri l-ewwel eċċezzjoni (u ddgħajjef dan l-aggravju) hija x-xhieda mogħtija minn Gaetano Sammut (ir-rappreżentant ewlieni tal-kumpannija appellanti)

[9] Ara d-dokument-dikjarazzjoni data 4 ta' Ottubru, 1999, f'paġ. 51 tal-proċess

meta tressaq mill-atturi b'xhud tagħhom in subizzjoni. Dakinhar, fost l-oħrajn, huwa xehed li "irriżultali wara illi l-*batching plant* ma kienitx tappartieni lil Mario Hallett imma lill-attur George Vella"[10]. L-ewwel Qorti wkoll innutat din ix-xhieda u minħabba f'hekk ma setgħetx ma tasalx għall-fehma li l-ewwel eċċezzjoni tal-kumpannija appellanti kienet kontradetta b'xhieda minn rappreżentant tal-istess kumpannija. Din il-Qorti tifhimha hekk ukoll;

16. Għal dawn ir-raġunijiet, dan l-aggravju mhuwiex sejjer jintlaqa';

17. Jifdal li l-Qorti tqis it-**tielet aggravju** dwar id-dekorrenza tal-imgħaxijiet. Hija tgħid li ma kienx sewwa li l-ewwel Qorti akkordat il-ħlas ta' imgħaxijet bir-rata kummerċjali mid-data tal-iskadenza ta' meta l-ħlasijiet ratejali kienu dovuti, u dan għaliex ma kienx ħtija tagħha li ma ħallsitx qabel. Tgħid li, f'każ li fl-agħar ipoteżi, din il-Qorti ssib li għandhom jimxu l-imgħaxijiet għandha tqis kemm damu l-proċeduri sakemm ingħatat is-sentenza appellata u li dan ma taħtix għalih hi;

18. L-atturi appellati jwarrbu dan l-aggravju billi jgħidu li l-kumpannija appellanti ma tistax twaħħal fihom għaż-żmien li ħadet il-kawża sa ma ngħatat is-sentenza appellata. Iżidu jgħidu li l-kumpannija appellanti

[10] Xhieda tiegħu f'paġ. 58 tal-proċess

messha iddepożitat l-ammont reklamat taħt l-awtorità tal-Qorti sakemm tingħata sentenza finali li tiddetermina jekk il-pretensjonijiet tagħhom kinux mistħoqqa jew le. Fuq kollox, bil-fatt li l-kumpannija appellanti żammet għandha l-flus li kien messha ħallsithom bihom, jiġi li l-appellanti ma għandhiex x'tilmenta meta baqgħet taħdem b'dawk il-flus li ma kinux tagħha filwaqt li ċaħħdithom minnhom u fl-istess waqt żammet għandha l-impjant mixtri bla ma ħallsitu kollu;

19. Din il-Qorti tibda biex tqis li t-talba għall-ħlas tal-imgħax kienet espressament inkorporata fit-talbiet attriċi relattivi (it-tieni u t-tielet talbiet) u l-ewwel Qorti ma għamlet xejn ħażin li aċċettathom ukoll kif mitluba. L-obbligazzjoni li saret kienet waħda kummerċjali u l-inadempiment tal-ħlas f'waqtu (meta jirriżulta li ma kien hemm l-ebda raġuni tajba biex il-ħlas ma jsirx) iġġib magħha l-effett *ipso jure* li l-imgħaxijiet jgħaddu bla ħtieġa ta' talba apposta[11]. Il-Qorti tirrileva li l-pretensjoni tal-ħlas tal-imgħax fuq is-somma mitluba fil-kawża kienet ilha li saret mill-atturi appellati lill-kumpannija appellanti sa minn Lulju tal-2000, fl-ittra uffiċjali li bagħtulha qabel ma fetħu din il-kawża[12]. L-appellanti ma dehrilhiex li kellha tgħaddi biex tiddepożita s-somma reklamata taħt l-awtorità tal-Qorti, kif irrilevaw l-appellati, biex b'hekk teżimi ruħha mis-sanzjoni tal-imgħaxijiet, għall-anqas sakemm tingħata

[11] Art. 1139 u 1141(1) tal-Kap 16
[12] Ara d-Dok "GVA", f'paġ. 38 tal-proċess

deċiżjoni dwar jekk kienx hemm ħlas dovut lill-atturi jew le. Lanqas ma għamlet dan wara li ngħatat is-sentenza appellata. Minbarra dan, fir-rigward ta' dik il-biċċa mill-prezz dovut lill-appellati magħmula mill-ħlasijiet ratejali, il-Qorti tirrileva li l-kumpannija appellanti kienet għaddiet lill-attur appellat sensiela ta' *cheques* li, fuq talba tal-istess kumpannija appellanti, imbagħad baqgħu ma setgħux jissarrfu għaliex l-appellanti qalet li kienet tilfithom u ordnat lill-Bank li kellu l-fondi biex jitħallsu dawk l-istess *cheques* biex ma jonorahomx. Dan kien ilha li għamlitu f'anqas minn xahar wara li saret il-kitba tal-bejgħ[13];

20. Dawn iċ-ċirkostanzi u kunsiderazzjonijiet kollha jwasslu lil din il-Qorti biex tqis li dan l-aggravju ma jistħoqqlux jintlaqa' għaliex ikun qiegħed japprova egħmil li jikser il-liġi;

**Decide:**

21. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tiċħad l-appell** imressaq mill-kumpannija appellanti mis-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-19 ta' Novembru, 2013, fil-kawża fl-ismijiet pemessi, u tikkonferma l-istess sentenza;

---

[13] Ara d-Dok "PG1", f'paġ. 36 tal-proċess

Għall-finijiet tal-**ewwel talba** din il-Qorti qiegħda taħtar bħala perit tekniku sostitut minflok il-perit maħtur mill-ewwel Qorti, lill-Perit Arkitett Mario Cassar, bl-istess fakultajiet;

Għall-finjiet tal-**ewwel u t-tieni talbiet** attriċi, it-terminu ta' xahar impost mill-ewwel Qorti għandu jibda miexi mil-lum; u

**Tordna** li l-kumpannija appellanti tħallas l-**ispejjeż** taż-żewġ istanzi.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imhallef | Joseph R. Micallef<br>Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef |

Deputat Registratur
gr